MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 563/2004

**Carmelo sive Charles Ellul Sullivan bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' J Cachia Caruana Limited**

**vs**

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur nomine fl-14 ta' April 1993 fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn wara li l-attur ippremetta illi s-socjeta' attrici hallset indebitament u taht protesta lill-konvenut is-somma ta' erbat elef erba' mija disgha u tmenin lira Maltin ghoxrin centezmu (Lm4,489.20c) u liema flus kienu pretizi indebitament mill-konvenut bhala depozitu ghall-levy allegatament dovuta fuq l-importazzjoni ta' "TUC Salted Cocktail Crackers"

meta l-istess ma kienux dovuti dan kif jidher mir-ricevuta numru 12968 minnu rilaxxata fis-7 ta' Dicembru 1989 kif jirrizulta minn kopji ta' Dokumenti "A", "B","C" u "D".

Illi l-konvenut huwa ghalhekk obbligat jirrifondi tali flus lilu mhallsa indebitament kif inghad stante illi dawn ma kienux dovuti bhala mposta skond l-Att ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali (Att XXX1 ta' 1989);

Illi l-konvenut gie inutilment interpellat ihallas tali ammont permezz ta' ittra ufficjali tal-31 ta' Dicembru 1991 u tas-7 ta' Settembru 1992.

Ghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tikkundannah ihallas u jirrifondi ghar-ragunijiet premessi lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef erba' mija disgha u tmenin lira Maltin ghoxrin centezmu (Lm4,489.20c) liema flus kienu pretizi indebitament mill-konvenut ghall-*levy* allegatament dovuta fuq l-importazzjoni u thallsu indebitament mis-socjeta' attrici lill-konvenut.

Bl-imghax min-notifika ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Dicembru 1991 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Dicembru 1991 u tas-7 ta' Settembru 1992 u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur fejn iddikjara:

1. Illi s-socjeta' attrici hallset indebitament u taht protesta lill-konvenut is-somma ta' erbat elef erba' mija disgha u tmenin lira Maltin ghoxrin centezmu (Lm4,489.20c) u liema flus kienu pretizi indebitament mill-konvenut bhala depozitu ghall-levy allegatament dovuta fuq l-importazzjoni ta' "TUC Salted Cocktail Crackers" meta l-istess ma kienux dovuti dan kif jidher mir-ricevuta numru 12968 minnu rilaxxata fis-7 ta' Dicembru 1989 kif jirrizulta minn kopji ta' Dokumenti "A", "B","C" u "D".

2. Illi l-konvenut huwa ghalhekk obbligat jirrifondi tali flus lilu mhallsa indebitament kif inghad stante illi dawn ma kienux dovuti bhala mposta skond l-Att ta’ l-1989 dwar il-Promozzjoni ta’ Prodotti Lokali (Att XXX1 ta’ 1989);

3. Illi l-konvenut gie inutilment interpellat ihallas tali ammont permezz ta’ ittra ufficjali tal-31 ta’ Dicembru 1991 u tas-7 ta’ Settembru 1992.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Kontrollur tad-Dwana fejn eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni hi preskritta a terminu tal-Att ta’ l-1989 dwar il-Promozzjoni ta’ Prodotti Lokali (Kap 336), artikolu 8(2).

2. Illi fi kwalunkwe kaz hemm karenza ta’ interess guridiku stante li l-flus li hallsu bhala *levy* gew migburin mill-grossisti, bejjiegha bl-imnut u klijenti ohra taghha stess li hallsu mhux biss ghall-*levy* lill-atturi stess, izda l-istess atturi hadu wkoll percentagg ta’ qliegh fuq dan l-istess hlas ta’ *levy*.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut fejn iddikjara:

1. Illi l-azzjoni hi preskritta bi zmien ta’ sentejn, terminu li fiha seta’ l-attur noe jitlob ir-rifuzjoni.

2. Illi stante ma ghamilhiex fi zmien sentejn mill-hlas tal-*levy*, din illum preskritta.

3. Illi l-atturi diga’ gabru l-hlas li huma ghamlu bhala *levy*, mill-klijenti taghhom, kif ukoll percentagg ta’ qliegh fuq l-istess.

4. Ghaldaqstant ma tistax tigi milqugha t-talba attrici.

Rat is-sentenza tal-Prim Awla tat-2 ta’ Ottubru 1997.

Rat in-nota tat-28 ta’ Settembru 2004 fejn il-kawza giet rimessa quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex minn hemmhekk tkompli tigi mismugha u deciza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija wahda minn sensiela ta’ kawzi illi l-attur istitwixxa kontra l-konvenut ghar-rifuzzjoni ta’ *levy* jew dazju mhallas indebitament ghall-importazzjoni ta’ *cocktail crackers* u merkanzija ohra simili. L-attur qieghed jallega illi minhabba nuqqas tal-Kontrollur tad-Dwana illi jippubblika fil-hin l-iskeda tal-hlas tal-levies skond il-merkanzija, huwa sofra danni konsiderevoli u kellu jhallas taht protesta somma kbira ta’ flus. F’din il-kawza partikolari l-attur qieghed jitlob ir-rifuzzjoni ta’ erbat elef erba’ mija disgha u tmenin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm4,489.20c) bhala depozitu ghall-levi fuq l-importazzjoni ta’ *‘salted cocktail crackers’*. Ghal din it-talba l-konvenut qieghed ipoggi ostakolu ghall-azzjoni ta’ l-attur fil-kuntest ta’ l-Artikolu 8 (2) ta’ l-Att dwar il-Promozzjoni tal-Prodotti Lokali, kif ukoll in-nuqqas ta’ interess guridiku peress illi fi kwalunkwe kaz, il-konvenut irkupra dawn il-flejjes minghand il-konsumatur.

Din il-Qorti ghandha l-konfort ta’ decizzjonijiet gia moghtija minn diversi qrati fuq kawzi ohra fis-sensiela illi l-attur istitwixxa kontra l-konvenut. L-aktar wahda mportanti hija dik moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fid-9 ta’ Gunju 2005 fejn b’mod erodit u studjat laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u ddikjarat illi l-attur ma kellux interess illi jistitwixxi din il-kawza.

Fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet tieghu l-attur irrimarka fost affarijiet ohra, illi din il-Qorti ma kellhiex issegwi tali nsenjament peress illi ma kienetx marbuta b’decizzjonijiet moghtija minn qrati ohra. Dan huwa minnu, u gie ribadit diversi drabi illi fis-sistema gudizzjarja taghna ma tezistix

dak li huwa maghruf bhala *"the law of precident".* Pero' minn naha l-ohra kif gie stabbilit fil-kawza "Strickland vs Hunter" (Vol XXX pt i pg 446) dan ma jfissirx illi fil-Qorti tal-Prima Stanza kull Qorti tista' tapplika l-ligi kif jidhrilha meta diga' jkun hemm pronunzjament awtorevoli ta' Qorti Superjuri. Ghalkemm Qorti ta' prima stanza mhijiex teoritikament marbuta ma' dak illi gie deciz minn Qorti Superjuri, ghandhom iharsu lejn dak li jkun gie deciz minnha bl-akbar rispett u rigward u jiddipartixxu mill-pozizzjoni li tkun hadet dik il-Qorti f'kazijiet rari fejn ikollhom motivazzjonijiet serji u godda li ghandhom jigu ndikati fis-sentenza li jaghtu. Il-principju hu li sentenza ta' Qorti ta' Gurisdizzjoni Superjuri fuq punt ta' dritt ghandha bhala regola tigi segwita, ghalkemm m'hemmx obbligu preciz in prepozitu. (ara Vol XL p 4, pg 1147 Appell Civili, "Dr V Formosa vs Direttur Sigurta' Socjali" 4 ta' Mejju 1992).

F'din il-kawza l-Qorti tikkunsidra li ma hemmx motivazzjonijiet serji u godda li jgieghluha tiddipartixxi mill-insenjament moghti mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-9 ta' Gunju 2005 u filwaqt illi taghmel taghha l-istess ragunijiet, tasal ghall-istess konkluzzjoni illi l-attur m'ghandhux interess illi jaghmel din il-kawza peress illi l-ammont mitlub minghand il-Kontrollur tad-Dwana diga' gie migbur mill-attur minghand il-konsumatur.

Ikkunsidrat:

Peress illi rrizulta illi l-attur m'ghandux interess illi jistitwixxi din il-kawza l-kwistjoni dwar il-preskrizzjoni kif imqajjma mill-konvenut hi ormai akkademika. Pero' din ukoll giet deciza f'kawzi ohra fl-istess ismijiet numri 420/93 u 422/93 u hawnhekk il-Qorti taqbel ma' sottomissjonijiet maghmula mill-attur fejn argumenta illi din il-Qorti ghandha ssegwi decizzjonijiet fuq dan il-punt maghmula minn Qrati ohra fil-kawzi msemmija. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza citata mill-Kontrollur konvenut deciza fid-9 ta' Gunju 2005 ikkonfermat illi t-terminu preskrittiv ma bediex ighaddi kontra l-attur u cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni meta qalet fost affarijiet ohra *"is-subartikolu 2 ta' l-artikolu 8 tal-Kap 336 ghandu necessarjament jinqara*

*flimkien mas-subartikolu 1 ta' l-istess artikolu b'mod ghalhekk illi huwa evidenti li dan is-subartikolu 2 qed jikkontempla talba ghal rifuzzjoni ta' levi fejn l-oggetti ma gewx rilaxxati mill-Kontrollur. Fil-kaz odjern jidher li l-merkanzija giet fil-fatt rilaxxata tant illi effettivament inbieghet."* Din il-Qorti m'ghandha xejn x'izzid ma' dan l-argument maghmul mill-Qorti ta' l-Appell u fuq l-iskorta tat-taghlim moghti fis-sentenza Strickland vs Hunter issib illi ma jezistux motivazzjonijiet serji u godda li ghalihom din il-Qorti ghandha tirreferi sabiex tbiddel id-decizzjoni mill-Qorti ta' l-Appell, ghal liema decizzjoni din il-Qorti taghmel piena referenza.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi wara li qieset ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------